# Ir-Relikwa Insinji ta’ Driegħ San Ġorġ

*Abbazija ta’ San Giorgio Maggiore, Venezja*

**Għall-ewwel darba fil-Gżejjer Maltin**
**15-20 ta’ Lulju 2014**

***“Il-leminija tal-Mulej għamlet ħwejjeġ ta’ ħila”*** (Salm 118:16)



Fl-okkażjoni tal-175 anniversarju ta’ l-istatwa ta’ San Ġorġ, l-ewwel statwa titulari ta’ Għawdex, imnaqqxa fl-injam minn Pietru Pawl Azzopardi fl-1839, il-komunità parrokkjali Ġorġjana tal-Belt Victoria qed tilqa’ bil-ferħ, għall-ewwel darba fil-gżejjer Maltin, ir-Relikwa Insinji tad-Driegħ ta’ San Ġorġ, li qed tinġab apposta għall-okkażjoni mill-Abbazija Benedittina ta’ San Giorgio Maggiore, fil-belt ta’ Venezja, l-Italja, wara talba li l-Isqof ta’ Għawdex Mons. Mario Grech għamel lil Norberto Villa, Abbati ta’ Praglia u San Giorgio Maggiore.

Diġà fl-1984 u l-2003, fl-okkażjoni ta’ żewġ ċentinarji differenti marbuta mal-ħajja tal-qaddis Patrun ta’ Għawdex, kienet inġabet minn Ruma l-aktar relikwa għażiża ta’ San Ġorġ, dik tal-Qorriegħa miżmuma fil-Bażilika Djakonali tal-Velabro.

Skond tagħrif li waslilna, din ir-relikwa għażiża, fejn mad-driegħ tal-qaddis għadhom jidhru wkoll il-pala ta’ l-id ix-xellugija u s-swaba’, diġà kienet meqjuma fil-Monasteru ta’ San Giorgio di Fiore fil-Kalabrija sa mill-1255. Wara li ġiet salvata minn taħt idejn il-pirati barbari f’attakk fuq il-post, fl-1296 ittieħdet f’purċissjoni solenni lejn il-gżira ta’ San Giorgio Maggiore, fejn tinsab il-lum fl-Abbazija Benedittina ddedikata lill-istess qaddis.

Ir-Relikwa Insinji tad-Driegħ ta’ San Ġorġ qed iżżur il-Gżejjer Maltin bejn l-14 u l-20 ta’ Lulju 2014, akkumpanjata minn erba’ monaċi Benedittini ta’ l-istess Abbazija. L-ewwel waqfa tagħha saret Malta, fil-parroċċa Ġorġjana ta’ Ħal Qormi, fejn ingħatat merħba t-Tnejn 14 ta’ Lulju 2014.

# Ir-Relikwa Insinji tad-Driegħ ta' San Ġorġ

Wieħed nobbli mogħti lil Alla u ġwejjed, li jġib l-isem ta' Francesco, fuq kelma favur mill-Qdusija Tiegħu Ċelestinu V lill-Abbati ta' San Giorgio di Fiore fil-Calabria, kien f'dak il-monasteru. Ġara li pirati barbari li laħqu waslu f'dawk ix-xtut wettqu sakkeġġ ukoll fil-post sagru: fil-monasteru. Issa peress li hemm ġew kien indukrat Driegħ tal-glorjuż San Ġorġ, biex jevita insulti u profanazzjoni ta' dawk il-pagani, in-nobbli stess seraq id-driegħ u ġarru miegħu lejn Venezja. B'miraklu minn Alla, fil-vjaġġ tiegħu d-driegħ ġie salvat. Għax bi sfortuna ltaqa' ma' assassini li wara li serqulu flusu, mingħajr ma ferewh, tawh il-libertà u salvawlu ħajtu. Huma ma ntebħux bit-teżor l-aktar prezzjuż li kien qed iġorr! Mal-wasla tiegħu f'Venezja, it-twajjeb kavallier fada r-relikwa prezzjuża taħt il-ħarsien ta' patri mimli virtù, patri ta' San Giorgio Maggiore, jismu Marco. Huwa kien jgħix 'il ġewwa mill-ħitan ta' San Żakkarija mħares minn sorijiet.



X'ħin id-Doga Pietro Gradenico sema' bl-aħbar tal-wasla tad-Driegħ, ħareġ ordni pubbliku li r-Relikwa qaddisa tittieħed f'San Giorgio Maggiore, għax f'Venezja ma kienx hemm post li kien jixraqlu aktar li hemm tinżamm. Mela meta Eġidju, Patrijarka



ta' Grado, ġabar madwaru bosta isqfijiet u prelati oħra, id-Driegħ imqaddes ġie ttrasferit b'purċissjoni fl-imsemmija knisja. Mad-Driegħ għadhom jidhru l-pala ta' l-id u s-swaba'. Madwar ir-relikwa, hemm kitba mnaqqxa b'ittri tad-deheb fuq pjanċa tal-fidda:

*"Dan hu d-Driegħ tal-Glorjuż Martri Ġorġi. In-nobbli Abbati Luca, neputi tal-Kardinal, ġabu fil-Monasteru ta' San Giorgio di Fiore tal-Calabria fis-sena 1255. Dikjarazzjoni XIV fil-XXVIII ta' Novembru".*

F'dik il-funzjoni kien hemm preżenti wħud li xehdu li raw u qiemu fil-knisja ta' Calabria l-imsemmi driegħ qaddis. Dan ġie kkonsenjat wara lill-knisja ta' San Giorgio Maggiore fil-jum XXV ta' Awwissu fis-sena 1296 meta Abbati kien Saladino Dandolo, bniedem istruwit sħiħ, u mħarreġ f'delegazzjonijiet appostoliċi minn Papiet. L-Abbati laqa' wkoll bħala mistieden fil-monasteru fl-1304 lil Pietro, iben ir-Re Djonisju tal-Portugall. Tah merħba xierqa tal-kobor ta' tali prinċep.

**Silta meħuda mill-ktieb ta' Flaminio Corner, membru fis-Senat tal-belt ta' Venezja, ippubblikat fl-1758 taħt l-isem *Notizie storiche delle chiese e monasteri di Venezia e di Torcello*, pp. 479-480.**

## Relikwa: sens teoloġiku-kateketiku



Il-kelma *relikwa* ġejja mil-Latin u tfisser dak li *fadal*, li *tħalla wara* minn xi ħadd. F'sens reliġjuż, ir-relikwi jistgħu jkunu fdalijiet korporali, oġġetti użati, prodotti jew marki ta' xi persuna li għexet ħajja ta' qdusija, speċjalment il-fdalijiet korporali (jew id-demm ikkonservat ġo ampolla) ta' martri tal-fidi jew ta' xi qaddis magħruf.

Sa mill-mewt ta' l-ewwel martri tal-Kristjaneżimu, id-djaknu Stiefnu, insibu sinjal ta' l-għożża ta' l-ewwel Insara lejn il-fdalijiet ta' min xerred demmu għal Kristu: "Xi rġiel twajba difnu lil Stiefnu, u bkewh ħafna" (Atti 8:2). Din l-għożża tidher fil-fatt li fl-ewwel sekli l-Insara kienu jinġabru ħdejn il-fdalijiet tal-martri fil-katakombi u hemm jiċċelebraw l-Ewkaristija fid-*dies natalis* tagħhom – il-jum ta' meta twieldu għall-ħajja ta' dejjem. Fuq l-oqbra ta' xi martri nbnew kappelel jew bażiliċi filwaqt li fdalijiet oħra ġew ittrasferiti mill-post tad-dfin għall-postijiet tal-kult. Minn żminijiet bikrija kibret ukoll l-għożża għar-relikwi ta' persuni msejħa *konfessuri*, li għalkemm ma kinux xerrdu demmhom fil-martirju, f'ħajjithom sofrew ħafna minħabba l-fidi tagħhom fi Kristu.



Il-kult lejn ir-relikwi tal-martri u tal-qaddisin ra żvilupp matul l-istorja tal-Knisja. L-interess qawwi għat-tfittxija u l-ġbir ta' relikwi x'aktarx hu dovut għall-Imperatriċi Elena, omm Kostantinu, li għaddiet l-aħħar parti ta' ħajjitha tiġbor fdalijiet u oġġetti marbuta ma' Kristu jew mal-qaddisin. Il-fatt li l-Konċilju ta' Nicea II (787 wk) daħħal l-obbligu li meta altar jiġi kkonsagrat jitqiegħdu fih il-fdalijiet tal-martri, iffavorixxa l-kult lejn dawn ir-relikwi li bdew ikunu meqjusa mqaddsa ladarba setgħu jitqiegħdu fl-altari. Bejn is-seba' u t-tnax-il seklu l-kult tant kien qawwi li wassal ukoll għal bosta abbużi bit-tixrid ta' relikwi foloz. Għalhekk il-Knisja bdiet tieħu passi biex tiġi aċċertata l-awtentiċità tagħhom. Il-Konċilju Vatikan II, fil-Kostituzzjoni dwar il-Liturġija *Sacrosanctum Concilium*, jgħallem: "Skond it-tradizzjoni, il-qaddisin huma meqjuma fil-Knisja u l-fdalijiet awtentiċi u x-xbihat tagħhom tingħatalhom ukoll qima. Il-festi tal-qaddisin ixandru l-għeġubijiet ta' Kristu fil-qaddejja tiegħu u jagħtu eżempji f'waqthom biex il-fidili jimxu fuqhom" (par. 111).

Forsi għall-bniedem tat-tielet millenju, il-kult lejn ir-relikwi jista' jidher bħala xi ħaġa ta' l-imgħoddi jew sintomu ta' fidi m'hix

matura. Filwaqt li wieħed jirrikonoxxi li bħal f'kull ħaġa li teżisti, l-eċċess u l-ossessjoni huma dejjem ħżiena u devjanti, dan ma jfissirx li m'hemmx fundament teoloġiku għall-kult tar-relikwi. Huwa propju jekk in-Nisrani jżomm quddiem għajnejh dan il-fundament, li jista' jagħti qima xierqa lill-fdalijiet ta' dawk li fuq l-art ħabbew lil Kristu u għexu b'mod erojku l-virtujiet Evanġeliċi.

Il-fundament tal-qima tar-relikwi nsibuh fil-misteru tal-*Inkarnazzjoni* ta' Kristu: "Il-Verb sar bniedem u għammar fostna" (Ġw 1:14). L-Iben, it-Tieni Persuna tat-Trinità Qaddisa, "ħa l-laħam" sabiex il-bniedem seta' jarah, jisimgħu, imissu fiżikament: "Dak li kien mill-bidu, dak li aħna smajna, li rajna b'għajnejna, li lejh ħarisna u li messew idejna, jiġifieri l-Kelma tal-ħajja, dan sejrin inxandrulkom" (1 Ġw 1:1). Il-mara li kienet tbati bit-tnixxija tad-demm fieqet għax emmnet li kieku kellha mqar tmiss it-tarf tal-mantar ta' Kristu kienet tfiq (Mk 5:25-29).

Issa, kif jgħallem San Girgor Nazjanzenu, dak li Alla ħa fuqu ("assuma"), Alla fdieh,[1] – u hawn nidħlu fil-misteru tal-*Fidwa* ta' Kristu. Hekk, allura, il-bniedem m'huwiex biss mifdi f'ruħu, imma f'ruħu u ġismu. Bil-Magħmudija, il-ġisem tan-Nisrani jsir "tempju ta' l-Ispirtu s-Santu" u hu msejjaħ biex jagħti ġieħ lil Alla permezz ta' ġismu (ara 1 Kor 6:19-20). Għaldaqstant, il-Grazzja ta' Kristu għandha l-qawwa li tibdel il-persuna sħiħa: il-ġisem tal-qaddis, bħal ruħu, jimtela bid-dawl divin u jsir jiddi bil-Grazzja. B'dan il-mod, il-kuntatt mal-ġisem tal-qaddis huwa kuntatt ma' ġisem ta' bniedem li ġie mibdul mill-Grazzja u dak li kien jappartieni lill-qaddis (ġismu, ħwejġu, xi oġġett) jista' jdaħħalni f'relazzjoni diretta miegħu u ma' l-esperjenza ta' Alla li huwa għex minħabba l-fidi li tpoġġini f'kuntatt ma' ħajtu. Bħalma fuq l-art jista' jiġri li l-kuntatt ma' persuna qaddisa twassal għall-fejqan – ibda mill-Appostlu Pawlu li "meta kienu jieħdu mkatar jew fradal li jkunu messew miegħu u jqegħduhom fuq il-morda, dawn kienu jfiqu mill-mard tagħhom u l-ispirti ħżiena kienu joħorġu minnhom" (Atti 19:11-12) – hekk ukoll il-fdalijiet tagħhom

[1] «*Nam quod assumptum non est curationis est expers: quod autem Deum unitum est, hoc quoque saluter consequitur.*» Gregorius Nazianzenus, *Epistula CI* : PG 37, 87.

jgħinuna biex bil-fidi nidħlu f'kuntatt ma' dik il-Grazzja ta' Kristu li tfejjaqna.




Il-fatt li nqimu r-relikwa jgħinna niftakru li dawk li għexu t-triq tal-Beatitudnijiet kienu bnedmin tad-demm u l-laħam bħalna u li ħabbew lil Kristu kollhom kemm huma: b'*ruħhom* u *ġisimhom*. M'huwiex tant importanti l-kuntatt materjali mar-relikwa daqskemm dak spiritwali: quddiem il-preżenza tal-fdalijiet jew ta' oġġetti marbuta mal-qaddis, jien nidħol f'komunjoni miegħu li issa jinsab fil-glorja tal-Ġenna minn fejn bħala ħabib ta' Kristu u interċessur tiegħi, hu jitlob lil Alla għalija biex jien ukoll nissokta miexi fit-triq tal-Vanġelu u nitqabad it-taqbida t-tajba tal-fidi. Kif tgħallem il-Knisja, il-kult reliġjuż lejn ir-relikwi u x-xbihat tal-qaddisin u tal-martri m'huwiex assolut imma *relattiv* għax *relatat* (jirreferi) mhux tant għar-relikwa fiha nnifisha imma għall-persuna tal-qaddis jew martri li lilu tappartieni.[2]

It-tifsira li għandna nagħtu liż-żjara tar-Relikwa tad-Driegħ ta' San Ġorġ fostna hija propju dik li niġġeddu fil-fidi awtentika tagħna lejn Kristu u nieħdu impenn *konkret*, "tad-demm u l-laħam", biex ngħixu l-Vanġelu u ningħataw kollna kemm aħna *għall*-Vanġelu.

[2] *Codex Iuris Canonici*, 1255.

Aħna u nqimu r-Relikwa ta’ San Ġorġ, inħallu s-sensi tagħna jgħinuna biex niftakru li dik il-meravilja li l-Grazzja wettqet f’dan it-tribun ta’ Lidda, tista’ twettaqha fil-ħajja tiegħi jekk jien inħalliha tagħmel il-frott fija. Il-fatt li *naraw b’għajnejna* u *mmissu b’idejna* fdal tal-Patrun tagħna għandu jkun għalina *turija* ta’ dik l-imħabba li, għax hi profondament umana u ġenwina, għandha bżonn tesprimi ruħha permezz tal-kuntatt ta’ l-idejn, tal-bewsa, tal-ħars. Huwa mod kif nuru mħabbitna lejn Ġorġi u nħallu din l-imħabba twassalna biex inħobbu l-Imħabba nfisha li huwa Alla. Għalkemm wieħed m’huwiex obbligat iqim ir-relikwi, m’għandniex inqisu din il-qima bħala infantili jew sempliċistika. Kemm-il darba din il-qima ssir “b’dinjità kbira u b’impuls ġenwin ta’ fidi”,[3] hija espressjoni tal-fidi taċ-*ċkejknin* tas-Saltna tas-Smewwiet (ara Mt 11:25) li jagħrfu kemm il-Vanġelu ta’ Kristu m’huwiex ġabra ta’ informazzjoni u kontenuti elaborati, imma fuq kollox huwa *Bxara Tajba għall-ħajja konkreta*, bħalma konkreti huma dawn il-fdalijiet, bħalma konkret kien Ġorġi ta’ Lidda, u bħalma konkret huwa jien li l-lum il-Mulej qed iħares lejja u jsejjaħli biex nerfa’ salibi, niċħad lili nnifsi u nimxi warajH (Lq 9:23).



[3] Kongregazzjoni għall-Kult Divin u d-Dixxiplina fis-Sagramenti, *Direttorju tal-Pjetà Popolari u tal-Liturġija. Prinċipji u orjentamenti* (9 ta’ April 2002), 237. L-istess Direttorju jagħti indikazzjonijiet kontra abbużi u esaġerazzjoni li jbiegħdu mis-sens veru tal-kult tar-Relikwiji, bħalma huma, per eżempju, il-fatt li wieħed jidħol fil-fissazzjoni li joqgħod jiġbor ir-relikwiji jew li jorbot magħhom twemmin superstizzjuz. Cf. *Ibidem.*

## L-Istudju Antropoloġiku ta' l-1976-1978

It-tradizzjoni Kristjana dejjem żammet li l-martirju ta' San Ġorġ seħħ fit-23 ta' April 303. L-eżami antropoloġiku li sar mill-Professur Fiorenzo Facchini, Direttur ta' l-Istitut ta' l-Antropoloġija ta' l-Università ta' Bologna, bejn l-1976 u l-1978, fuq ir-relikwi ta' l-għadam ta' San Ġorġ li hemm fil-knisja ta' San Giorgio in Borgo Vico f'Como, fil-Bażilika ta' San Giorgio Maggiore f'Venezja, fil-Katidral ta' Ferrara u fil-Bażilika Djakonali tal-Velabro ta' Ruma, wasal għall-konklużjoni li dan l-għadam hu ta' l-istess ġuvni, ta' bejn it-tmintax u l-għoxrin sena, ta' statura ta' madwar il-165ċm, u li għex fi tmiem is-seklu tlieta u l-bidu tas-seklu erbgħa. L-istudju xjentifiku sar fuq inizjattiva ta' Mons. Dante Balboni, li kien minn Ferrara u kien attiv fil-*Biblioteca Vaticana*, u kellu mħabba kbira lejn San Ġorġ. Rapport xjentifiku ġie ppreżentat fit-23 ta' April 1978. Dawn l-istudji kkonfermaw dak li sa minn żminijiet antiki t-tradizzjoni Kristjana żammet fuq il-martirju ta' San Ġorġ.



Fuq ir-riżultat ta' dan l-eżami antropoloġiku naqraw fil-ktejjeb ta' Mons. Dante Balboni, *San Giorgio Martire*, imxandar miċ-*Centro Studi su San Giorgio Martire* ta' Ruma l-ewwel darba fl-1978, fejn jgħid hekk: *"Ho potuto confermare che le ossa conservate appartengono a un giovane di sesso maschile, dell'età di oltre vent'anni, altezza 165cm, e risalente al secolo terzo o quarto della nostra era. La relazione scientifica viene a confermare la tradizione che ha ritenuto quei resti come appartenenti al martire San Giorgio di Lidda"*.

Ir-relikwi kollha li fuqhom sar dan l-eżami antropoloġiku ġew imqassmin f'ħames gruppi:

1. "*ossa del cranio cerebrale e facciale*",
2. "*colonna vertebrale*",
3. "*cassa toracica*",
4. "*cinto superiore e ossa dell'estremità superiore*",
5. "*cinto pelvico ed estremità inferiore*".

F'kull grupp (fir-rapport imsemmi) tingħata deskrizzjoni tar-relikwi li jiffurmaw parti minnu. Hemm ukoll disinn ta' skeletru uman li fih hemm muri bl-iswed ir-relikwi identifikati, li huma l-parti l-kbira ta' l-iskeletru kollu.

Dan l-istudju tana konklużjoni importanti li biha nistgħu noqorbu ħafna lejn id-data tat-twelid ta' San Ġorġ. Jekk mis-sena 303, is-sena tal-martirju ta' San Ġorġ, innaqqsu l-għoxrin sena jew kważi, li kienet l-età li ġiet identifikata minn dan l-istudju serju, naslu għas-sena 283 bħala l-eqreb sena indikata bħala żmien it-twelid ta' San Ġorġ.

# Ir-Relikwi ta' San Ġorġ fil-Bażilika Ġorġjana tal-Belt Victoria




1. Ir-relikwa l-aktar importanti li dejjem tqiegħdet fl-Ostensorju tal-Festa hi dik *"ex Costa S. Georgii M[artyris]"*, jiġifieri mill-kustilja tiegħu. It-teka hi ta' forma ovali xi tliet pulzieri għolja u tnejn wiesgħa; l-għadma li hemm fiha hi xi żewġ pulzieri twila. Jidher li fl-imgħoddi ġiet miftuħa għal xogħol ta' dekorazzjoni u allura s-siġill l-antik kien tneħħa u l-lum fiha s-siġill ta' l-Isqof ta' Għawdex Mons. Ġużeppi Pace.



2. Meta fl-1984 saru l-Festi Ċentinarji ta' l-1700 sena mit-Twelid ta' San Ġorġ, u Mons. Dante Balboni ġab ir-Relikwa tal-Qorriegħa mill-Bażilika Djakonali tal-Velabro f'Ruma, hu ta lill-Bażilika tagħna relikwa bi fraka minn dan l-għadam li fuqu sar l-istudju antropoloġiku ta' l-1976-1978 mill-Prof. Fiorenzo Facchini fl-Università ta' Bologna. F'din ir-relikwa hemm il-kitba: *"Ex Capite S. Georgii M. Lyddæ Extract[a] e Basil[ica] Rom[ana] in Velabro"*.



3. Insibu wkoll relikwa oħra magħmula minn żewġ biċċiet għadam li normalment titqiegħed fuq l-altar fil-Ħamisijiet ta' San Ġorġ. Fuqha hemm l-iskrizzjoni *"S. Georgii M."*.



4. Fil-Kaxxa tar-Relikwi tal-Bażilika hemm ukoll relikwa ta' San Ġorġ bil-kitba "*S. Geor. Mil[itis] M.*" flimkien ma' dik ta' Sant'Antnin ta' Padova. Fiha siġill ta' l-1912.



5. Quddiem l-istatwa titulari tinsab esposta wkoll relikwa *"pars vexilli S. Georgii Militis Martyri"*, jiġifieri ta' l-Istendard ta' San Ġorġ, f'ostensorju Gotiku sabiħ. Magħha kien hemm l-awtentika b'kitba ftit twila.

# Programm
# taż-Żjara tar-Relikwa f'Għawdex
# (15-20 ta' Lulju 2014)

**It-Tlieta 15 ta' Lulju: Wasla f'Għawdex**

**6.30pm:** Wasla tar-Relikwa fir-Rotunda ta' San Ġwann Battista, ix-Xewkija, fejn tiġi esposta waqt mument ta' talb għall-qima tal-fidili.

**7.00pm:** L-Isqof Djoċesan, flimkien mal-Kapitlu u l-kleru Ġorġjan, jilqa' r-Relikwa Insinji tad-Driegħ ta' San Ġorġ fi Triq ir-Repubblika.

**7.15pm:** Translazzjoni Pontifikali lejn il-Bażilika Urbana, ippreseduta mill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata Lateranensi, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru Ġorġjan u ta' l-ordnijiet reliġjużi tal-Belt Victoria. Takkumpanja l-Banda Ċittadina *La Stella* b'innijiet reliġjużi.

**7.45pm:** Indirizz ta' merħba mill-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona fi Pjazza San Ġorġ.

**8.00pm:** Velja Ekumenika Solenni ppreseduta mill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof Djoċesan, flimkien ma' l-Em.T. Gennadios Zervós, Metropolita ta' l-Arċidjoċesi Griega Ortodossa ta' l-Italja u Malta, u l-Kan. Simon Godfrey, Kanċillier tal-Komunjoni Anglikana f'Malta u Għawdex, u bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru Ġorġjan u ta' l-ordnijiet reliġjużi tal-Belt Victoria.

*Ir-Relikwa tibqa' esposta fil-Bażilika għall-qima tal-fidili sa nofs il-lejl.*

**L-Erbgħa 16 ta' Lulju: L-Ewwel Jum tat-Tridu**

**7.30am:** Quddiesa fil-knisja konventwali ta' San Franġisk, fejn ir-Relikwa tad-Driegħ ta' San Ġorġ tkun esposta għall-qima tal-fidili.

**Wara:** Żjara tar-Relikwa fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex.

**Il-Ħamis 17 ta' Lulju: It-Tieni Jum tat-Tridu**

**7.00am:** Quddiesa fil-knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb (Taċ-Ċawla), fejn ir-Relikwa tad-Driegħ ta' San Ġorġ tkun esposta għall-qima tal-fidili.

Wara: Żjara tar-Relikwa lill-Kliniċi tad-Djar Reliġjużi tas-Sorijiet Dumnikani (Pompej u Trionfi), Karmelitani u Salesjani; kif ukoll Dar Emmaus u d-Dar ta' l-Anzjani f'San Lawrenz.

**Il-Ġimgħa 18 ta' Lulju: It-Tielet Jum tat-Tridu**

**7.30am:** Quddiesa fil-knisja konventwali ta' Santu Wistin, fejn ir-Relikwa tad-Driegħ ta' San Ġorġ tkun esposta għall-qima tal-fidili.

**Wara:** Żjara tar-Relikwa fid-djar tal-morda u l-anzjani.

*Saċerdoti tal-parroċċa jkunu disponibbli biex jakkumpanjaw ir-Relikwa tad-Driegħ ta' San Ġorġ fid-djar tal-morda u l-anzjani tal-parroċċa. Dawk li jixtiequ, għandhom jikkuntattjaw lill-Uffiċċju Parrokkjali (2155 6377) biex jinkitbu.*

**Il-Ħadd 20 ta' Lulju: Solennità ta' San Ġorġ, Patrun ta' Għawdex**

**7.30pm:** Purċissjoni Pontifikali bl-Istatwa Titulari u bir-Relikwa Insinji tad-Driegħ ta' San Ġorġ, ippreseduta mill-E.T. Mons. Salvatore di Cristina, Arċisqof Emeritu ta' Monreale, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru tal-Bażilika, l-ordnijiet reliġjużi tal-Belt Victoria, il-monaċi Benedittini ta' l-Abbazija ta' San Giorgio Maggiore ta' Venezja, is-seminaristi tad-djoċesi, u l-fratellanzi tal-parroċċa. Takkumpanja l-Banda Ċittadina u Dekana *La Stella* b'innijiet reliġjużi.

Ħajr lil Mons. Ġużeppi Gauci,
ir-Rev. Dr Richard Nazzareno Farrugia, u Michael Grech.

SAN ĠORĠ
L-Ewwel Statwa Titulari ta' Għawdex
175 SENA

Bażilika San Ġorġ